**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

**Is-8 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 001/2021**

14 ta' Jannar 2021

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

## PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Alison Zerafa Civelli | - Sindku |
| Marco Agius | - Vici-Sindku |
| Noyah Spiteri Hammett | - Kunsilliera |
| Johann Scerri | - Kunsillier |
| Martin Vella | - Kunsillier |
| James Cauchi | - Kunsillier |
| Melanie Agius Attard | - Kunsilliera |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**
Nil

## UFFIĊJAL PREŻENTI:
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku , ippresjediet il-laqgha

## 1.1 Qari ta’ ittri ta’ apologija

1.1.1 Ma kienx hemm

## 1.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta’ minuti

1.2.1 Il-minuti ta’ seduta numru 22/2020 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

1.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sindku ssekondata mis-Sur Martin Vella, il-minuti ġew approvati b’votazzjoni unanima.

12.2.3 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

## 1.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

1.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat kien inghata bidu ghal xoghol ta’ kostruzzjoni ta’ Triq Santa Margerita u Triq l-Oratorju minn kuntrattur ta’ Infrastructure Malta.

1.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera illi wara li kien tlesta xoghol ta’ asfaltar, kuntrattur ta’ Infrastructure Malta kien ha hsieb illi jsiru sinjali tat-toroq fi Triq il-Pellegrinagg.

*F’dan l-istadju, il-Kunsilliera Melanie Agius halliet is-seduta (5:47p.m.)*

1.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi bi zjara li l-Onor. Byron Camilleri kien ghamel sabiex izur progett li kien qieghed jigi parzjalment iffinanzjat minn fondi ta’ LESA, liema progett kien jara l-installazzjoni ta’ replika ta’ disinji tal-hadid fi Triq l-Oratorju.

1.3.4 Is-Sindku informat lill-Kunsill Lokali b’laqghat li kienu inzammu mas-Supretendent u l-Ispettur mill-ghassa tal-lokalita’.

*F’dan l-istadju il-Kunsilliera Melanie Agius dahlet lura ghas-seduta (5:56p.m.)*

## 1.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

1.4.1 Ma kienx hemm

## 1.5 Approvazzjoni ta' skedi ta hlasijiet;

*F'dan l-istadju, il-Kunsilliera Noyah Spiteri Hammett halliet is-seduta (5:58p.m.)*

1.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru01/21) ghall-approvazzjoni.

1.5.2 Fuq proposta tas-Sur Marco Agius ssekondat mis-Sur Johann Scerri, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

1.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' petty cash mahrug waqt ix-xahar ta' Dicembru 2020.

2.5.4 Fuq proposta tas-Sur Johann Scerri ssekondata mis-Sur Martin Vella, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' petty cash li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti ( Dok B)

*F'dan l-istadju il-Kunsilliera Noyah Spiteri Hammett dahlet lura ghas-seduta (6:02p.m.)*

## 1.6 Sejhiet ghall-offerti

1.6.1 Is-Sindku aggornat lill-Kunsill Lokali bi zviluppi li kien hemm rigward sejha ghall-offerti li l-Kunsill Lokali kien hareg ghar-rigenerazzjoni ta' grawnds Peppi Delceppo. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward kien fi stadju avvanzat il-process sabiex jigi ffirmat il-kuntratt mal-kuntrattur u kienu ghaddejjin id-diskussjonijiet mal-Awtorita' tal-Ippjanar bil-ghan illi jigi ffirmat il-kuntratt li permezz tieghu, il-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jibbenefika minn fondi taht il-programm *Development Planning Fund*.

## 1.7 Performance Appraisal tas-Segretarju Ezekuttiv

1.7.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali *performace appraisal report* ghas-Segretarju Ezekuttiv. Is- Sindku sahqet illi wara li kienet iddiskutiet il-hidma tas-Sur Hall, kienet qieghda tirrakkomanda illi huwa jinghata l-massimu ta' 10% bhala *performance bonus*.
Fuq kunsiderazzjoni tas-Sur James Cauchi sskonedat mis-Sa. Melanie Agius il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi s-Sur Hall jinghata 10% bhala *performance bonus.*

F'dan l-istadju il-Kunsilliera Melanie Agius halliet is-seduta ( 6:30 p.m.)

## 1.8 Rapporti

1.8.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali dokumentazzjoni relatata mal-laqgha annwali tal-lokalita' li kienet inzammet nhar id-9 ta' Dicembru 2020 u

ghaddiet rendikont ta' dak li kien gie pprezentat u l-ilmenti u suggerimenti li kienu gew mghoddija mill-Kunsill Lokali.

*F'dan l-istadju il-kunsilliera Melanie Agius dahlet lura ghas-seduta ( 6:36p.m.)*

1.8.1 Is-Sindku ressaq rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jsir hadid protettiv fuq bankina fi Triq San Gwann ( Biswit Blk 4B).
- Kien hemm qbil illi kellu l-Kunsill Lokali kellu jissieheb fil-polza ta' assigurazzjoni ta' flus ghall-Kunsilli Regjonali u Kunsilli Lokali, inizjativa tal-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali, bi spiza annwali ta' hamsa u sittin ewro fis-sena.
- Il-Kunsill Lokali gie pprezentat b'ircevuti ta' flus li l-Vici-Sindku kien gabar u ghadda lid-Dar tal-Provvidenza u lill-Malta Community Chest Fund. F'isem il-Kunsill Lokali is-Sindku irringrazzjat lill-Vici-Sindku ghal-gest nobbli li kien wettaq.
- B'kontinwita' mas-seduta precedenti, kien hemm qbil illi kellu jigi ffirmat kuntratt ma' spinning photos ltd., liema kumpanija kienet qieghda timplimenta progett mar-Regjun Xlokk.
- Kien hemm qbil bejn illi l-Kunsill Lokali kellu jictri tliet kotba tal-awtur Ricky Caruana ghall-prezz ta' ghoxrin ewro bil-ghan illi jitpoggew fil-librerija pubblika tal-lokalita'.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellha tigi kkonsultata Transport Malta dwar il-possibilita' illi ssir *pedestrian crossing* fi Triq Wigi Rosato.
- Wara li nqrat korrispondenza li kien ircieva l-Kunsill Lokali minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, liema korrispondenza kienet tikkoncerna strategija tal-informatika, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellhom jingabru stimi bil-ghan illi jinxtara laptop ghas-Segretarju Ezekuttiv .

*F'dan l-istadju il-Kunsilliera Melanie Agius u Noyah Spiteri Hammett hallew is-seduta ( 7:30p.m.)*

- Wara li fis-seduti precedenti kien hemm qbil illi kellu jinxtara ikel ghall-qtates u wara li l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet gabret l-istimi mehtiega, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellu jinxtara dried food tad-ditta *Princess* li kien jahbat l-orhos fost l-istimi migbura.

*F'dan l-istadju il-Kunsilliera Noyah Spiteri Hammett dahlet lura ghas-seduta (7:35p.m.)*

- Wara li s-Sindku aggornat lilll-Kunsill Lokali bi zviluppi li kien hemm rigward korrispondenza li kien ircieva l-Kunsill Lokali dwar it-tnehdija ta' process

ghal sejha ta' interess ghall-kapitali Ewropeja tal-Kultura 2031, kien hemm qbil illi filwaqt li l-Kunsill Lokali kellu japplika b'mod individwali, kellha tigi evalwata l-possibilita' illi ssir applikazzjoni bejn il-Kunsilli tal-Kottonera.

- Wara li inqrat korrispondenza li l-Kunsill Lokali kien ircieva minghand il-Kunsillier Johann Scerri rigward traffic calmers fi Triq San Pawl u fi Triq Santa Tereza u prezenza tal-pulizija biswit skola li kien hemm fi Triq Alessandra, il-Kunsill Lokali gie infurmat mis-Sindku illi kienet intbaghtet e-mail lil Infrastructure Malta rigward il-problema tat-traffic calmers filwaqt li kien ser ikun hemm diskussjoni rigward il-prezenza tal-pulizija biswit l-iskejjel tal-lokalita' waqt il-hinijiet tad-dhul u hrug tal-istudenti mill-iskejjel.
- Wara li l-Kunsill Lokali gie infurmat b'korrispondenza li kien baghat il-Kunsilier James Cauchi rigward nuqqas ta' attendenza ghas-seduti tal-Kunsill Lokali, u wara li kien hemm diskussjoni libera dwar l-artiklu li kien jirregola tali attendenza ( art. 18 ta' att 363), kien hemm qbil illi kellha tintbaghat ittra lill-Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali bil-ghan illi tigi evalwata l-possibilita' li jkun hemm diskussjoni u eventwalment emenda dwar il-fatt illi n-nuqqas ta' attendenza ghal seduti b'urgenza kienet meqjusa ugwali bhal nuqqas ta' attendenza ghal seduti li jkunu skedati u li ghalihom ikun hemm pre-avviz adegwat.

**1.9 Aggornament tas-seduta u data tas-seduta li jmiss**

**1.9.1** Is-seduta giet fi tmiemha fl-8:05p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghat-18 ta' Frar 2021 fil-5:30 p.m.

Konfermati, illum 18 ta' Frar, 2021

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | _______________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |